MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru 1020/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Casey Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Casey Borg, ta’ 21 sena, iben Savioour u Rita nee’ Gatt, imwieled Pieta fl-4 ta’ Dicembru, 1987 u residenti gewwa 57, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 545987M li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar id-19 ta’ Settembru, 2009, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar (14:15), nhar l-20 ta’ Settembru, 2009 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta’ wara nofsinhar (15:45) u nhar il-21 ta’ Settembru, 2009 ghal

habta tat-tlieta u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar (15:20) irrenda ruhu komplici f'delitt ta' serq minn gewwa Intergame Ltd sitwata fi Triq ix-Xatt, Gzira , billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta hu kien jaf li kellhom hekk jigu uzatim u kif ukoll b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, u liema serq sar ghad dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija u li huwa aggravat bil-mezz, il-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2329.37), u bil-persuna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-2 t'Ottubru, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex tirq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li ghandu l-fedina penali netta (esebita a folio 3 tal-process).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42, 261, 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

Ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------